MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2010

Avviz Numru. 357/2008

**D & S Lifts Limited (C19973)**

**-vs-**

**Agenzija Appogg u bid-digriet tat-30 ta’ Settembru 2010 l-isem gie mibdul ghal ‘Fondazzjoni ghas-Servizzi ghal Harsien Socjali’**

**Seduta tat 13 ta’ Ottubru 2010**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat minn D & S Lifts Limited nhar it-tlieta u ghoxrin ta’ Ottubru 2010 fir-Registru ta’ din il-Qorti, fejn talbu lil din il-Qorti tikkundanna lill-Agenzija Appogg:

*Tersaq ghal hlas ta’ hamest elef seba’ mija u tmienja u ghoxrin Euro (€5,728) dovuti bhala bilanc fuq lift supplit*

*lilkom u ccertifikat mill-Inginier Ray Spiter fil-hdax (11) ta' Novembru, 2003.*

*Bl-ispejjez inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali numru 9558/06 u l-imghax legali sal-pagament effettiv kontra l-intimati li huma ngunti ghas-subizzjoni.*

Rat ir-risposta tal-Agenzija Appogg, ipprezentata nhar l-erbgha u ghoxrin ta' Novembru 2008 fejn esponiet is-segwenti:

*"Illi t-talbiet tas-socjeta' attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra taghha, ghas-segwenti ragunijiet:*

*Illi preliminarjament l-azzjoni kif proposta kontra l-Agenzija Appogg ma treggix stante li l-Agenzija Appogg m'ghandhiex repprezentanza guridika awtonoma izda r-rapprezentanza guridika taghha hija vestita fil-Kap Ezekuttiv tal-Fondazzjoni ghall-Harsien Socjali.*

*Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-lift supplit mis-socjeta' attrici ma kienx tal-kwalita' pattwita u dan kif ser jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-Ligi."*

Rat li nhar l-Erbgha disgha u ghoxrin ta' April, 2009 xehed **Albert Debono** prodott mis-socjeta' attrici (fol 12 et seq) fejn qal li huma kienu bieghu lift lill-Agenzija Appogg ta' Triq Luqa, Pieta' bil-prezz ta' tmint elef disgha mija u wiehed u sebghin Lira Maltin (Lm8971). Minn certifikat li kellu fil-pussess tieghu jidher li effettivament dan il-lift kien installat fil-premises tal-agenzija f'Novembru tas-sena 2003, wara li kien gie ccertifikat mill-Inginier Ray Spiteri. Qal li sussegwentement kienu thallsu parti mill-prezz miftiehem u baqa' jithallas bilanc ta' hamest elef seba' mija u tmienja u ghoxrin Ewro (€5728) kif irrizulta mill-invoice li esebixxa u li giet immarkta mill-Qorti bhala Dokument Z. Mistoqsi jekk jafx ghaliex l-Agenzija Appogg ma hallsitx il-bilanc dovut, huwa qal li ma jafx.

Ftakar li kienu ltaqghu mal-Inginier u li kienu nfurmaw lill-Agenzija Appogg li z-zejt tal-hydraulic kellu jinbidel. Zied li pero' dawn ma tawx kaz u naturalment il-lift beda jieqaf wara certu hin, imbaghad la darba jiksah jerga' jibda jahdem. Esebixxa certifikat tal-lift, bl-ispecifications kollha tieghu. Kompla jghid li meta huma kien nstallaw il-lift, kien hemm l-Inginier Ray Spiteri li kien l-unika notified body ezistenti fil-pajjiz dak iz-zmien, u kien iccertifika l-lift. Esebixxa Dok X li huwa Report of Examination of Lift. Qal ukoll li s-socjeta' attrici kienet ghaddiet kopja tal-kuntratt u tac-certifikat tal-Inginier lill-Agenzija Appogg. Huwa qal li ma jafx, u li tal-Health and Safety waqqfu l-uzu ta' dan il-lift minhabba xi problema mal-level indicator, u cahad li lilhom xi hadd qalilhom xi haga dwar dan.

Fis-seduta tad-disgha u ghoxrin t'April, 2009 xhed ukoll **Maurice Spiteri**, Direttur tas-socjeta' D & S Lifts Limited (fol 77 et seq.) fejn qal li madwar is-sena 2002 huma kienu jiddiskutu mal-Inginier Brian Cauchi tal-Public Works, u anke direttament mal-Agenzija Appogg, dwar il-possibilita' li jigi nstallat lift, u cioe' dwar kif ghandu jkun u l-ispecifications tieghu. Qal li kien hemm qbil li s-socjeta' attrici kellha tissupplixxi l-lift u sussegwentement kien sar kuntratt bejnhom u l-Agenzija Appogg dwar dan. Ikkonfermat li fil-fatt dan il-lift gie nstallat u l-Inginier Ray Spiteri iccertifika l-installazzjoni u hareg final inspection certificate tal-lift. Ghalhekk sussegwentement huma kienu baghtu l-kont lill-Agenzija Appogg, li minnu hallset biss parti u li sal-lum fada jithallas bilanc ta' hamest elef seba' mija u tmienja u ghoxrin Ewro (€5728). Mistoqsi ghaliex l-Agenzija Appogg ma hallsitx dan l-ammont, huwa wiegeb li kien hemm xi problema teknika fis-sens li dawn bdew jghidu li l-lift kien qed jieqaf. Qal li huma kienu baghtu technician, u anke kienu mar hu personalment u s-Sur Debono, u ddiskutew maghhom x'kienet il-problema, u cioe' li wara certu zmien kellhom jibdlu z-zejt u huma ma kinux biddluh, u baqghu ma ridux jibdluh, u b'hekk il-lift baqa' ma jahdimx.

Zied jghid li huma kienu sahansitra ghaddew rapport mahrug mis-suppliers barranin tal-lift, lill-Agenzija Appogg. Mistoqsi jekk jafx li l-kwistjoni ma kinitx biss kwistjoni ta'

zejt imma kien hemm xi affarijiet teknici wkoll, qal li ma jafx dwar dan, ma jiftakarx. Mistoqsi jekk effettivament hux minnu li l-level indicator tal-lift kien jibqa' u ghalhekk il-lift kien jehel, wiegeb li ma jafx u li dwar affarijiet teknici ma jifhimx. Zied li t-tekniku taghhom huwa Mr. Albert Debono.

Rat li fis-seduta tat-Tnejn tmintax (18) ta' Mejju, 2009 xehed l-**Inginier Raymond Spiteri** (fol. 82 et seq.) u kkonferma li huwa kien ghamel ezami tal-lift li kien installat gewwa l-Agenzija Appogg, St. Luke's Road, G'Mangia, u li fil-fatt kien hareg rapport finali dwar l-examination ta' dan il-lift fit-tnax (12) ta' Jannar 2004, li jinsab esebit fl-atti a fol. 16 et seq.

Spjega li dan ic-certifikat huwa bbazat fuq il-Legal Notice Lifts and Voice Regulation 1964. Ikkonferma li fil-fatt huwa kien irrilaxxja wkoll Final Inspection Certificate. Spjega li saru zewg certifikati ghal skop differenti. Qal li l-ewwel certifikat (a fol. 15) johrog taht TUV Austria bhala Final Inspection Report taht il-Lift Regulations 2002 and Legal Notice 370. Kompla jghid li huwa kien spezzjona l-lift u ghar-rigward ta' safety dan kien konformi mar-regoli tal-Unjoni Ewropea. Una volta l-lift jikkonforma mal-EU Regulations jinhareg certifikat iehor li huwa dak a fol. 16, li jghid li skond il-Lifts Regulations 2001 dan il-lift jista' jibda jintuza. Jigifieri qabel it-tnax (12) ta' Jannar 2004 il-lift qatt ma ntuza. Imbaghad skond l-istess Legal Notice 370 tas-sena 2002, dak li jkun installa l-lift irid jaghmel Declaration of Conformity tieghu. Zied jghid li dakinhar huma kienu wzaw il-lift u dan kien qed jahdem u jieqaf f'kull sular, izda kompla li sa dak l-istadju jkunu ghadhom ma bdewx johorgu l-latent defects.

Qal li hu ma jkunx jaf ghal liema skop ikun gie mixtri l-lift u sa dak l-istadju jkun ghadu ma dahalx fil-kwistjoni. F'dan il-kaz, qal, kien hemm Inginier iehor li kien konsulent tal-Agenzija Appogg, cioe' l-Inginier Brian Cauchi li jahdem fil-Ministeru tal-Works.

Kompla jghid li sentejn wara li hu kien hareg ic-certifikat, cioe' fl-2006, kien gie nfurmat minn certu Beatrice Borg li

tahdem mal-Appogg, li kien hemm xi problemi bil-lift. Dakinhar, fit-tletin (30) ta' Lulju 2006, kien rega' mar jispezzjona l-lift u hareg rapport iehor, li kopja tieghu giet esebita u mmarkata bhala Dok. Z. Dan jissejjah Inspection Report. Esebixxa wkoll certifikat iehor, datat tnax (12) t'Awissu 2006, li l-Qorti mmarkat bhala Dok. X.

Spjega li mill-ispezzjoni li ghamel irrizulta li z-zejt li ntuza kien qed jaghli u b'rizultat ta' dan il-lift kien qed jieqaf spiss. Ir-raguni ta' dan hija li fiz-zejt hemm thermostat u meta z-zejt jilhaq certu temperatura l-lift jieqaf bhala Safety Precaution. Ippreciza li parti mill-ezami li sar biex huwa hareg ic-certifikat tieghu fl-2004 kien jirrigwarda dan it-thermostat, u nsista li meta l-lift kien gie nstallat, it-thermostat kien effettivament jahdem sew. Ried jiccara wkoll li meta hu kien ezamina l-lift fl-2004, dan ma tantx kien jintuza ghaliex fil-post kienu jahdmu biss xi erba' persuni. Izda sussegwentement fl-2006 irrizultalu li l-lift kien qed jintuza izjed ghaliex kien hemm iktar haddiema fil-post, u konsegwentement il-lift kien qed ikollu izjed starts per hour. Ghalhekk l-uzu tal-lift beda jaccellera u peress li kien hemm iktar uzu mil-lift iz-zejt beda jishom iktar. Sussegwentement irrizulta li dan il-lift kien dizinjat biex ikollu sixty motor starts per hour mentri kien qed jintuza ferm iktar minn hekk.

Ix-xhud zied jghid li wara kien tkellem mal-Inginier Brian Cauchi u dan kien kiteb l-ispecification tal-lift li kellu jigi nstallat go l-Appogg u li t-tender award inharget ghal ninety starts per hour. Hawnhekk esebixxa kopja tat-Tender Award fejn hemm miktub li l-lift suppost ikollu ninety starts per hour, u ghamel referenza partikolari ghall-pagna 5 ta' dan id-dokument. Dan gie mmarkat bhala Dok. Y. Gie esebit ukoll Dok. Q, li huwa dokument mahrug mill-kumpanija attrici u fih hemm indikat li fil-fatt il-lift installat kien jipproduci sixty motor starts per hour.

Ghadda biex jispjega li meta z-zejt jishon jitlef hafna mill-properties tieghu, fosthom li l-lift ma jigix livellat kif suppost u l-mutur ikollu "bumps" minhabba l-viscosity taz-zejt. F'dan il-kaz il-"bump" kien sostanzjali.

Qal li fil-fatt kien hemm problema ohra, fis-sens li hemm sistema li meta jinqata' d-dawl il-lift idur fuq il-batterija u jizel sular. Pero' f'dan il-kaz din is-sistema ma kinitx qed tahdem peress li l-batteriji kienu nieqsa. Ghalhekk dan il-lift kellu dawn it-tliet problemi principali.

Insista li meta huwa ccertifika dan il-lift, huwa ma kellux f'idejh it-tender document, u ghalhekk kieku dan il-lift intuza inqas milli fil-fatt kien qed jintuza, ma kinux jinholqulu dawn il-problemi, allavolja jibqa' l-fatt li ma kienx lift installat skond it-tender document.

Rega' kkonferma bil-gurament li ma kellux tender document qabel ma hareg ic-certifikati esebiti f'dawn l-atti a fol. 15 u 16. Anzi nsista li meta jkollu t-tender document f'idejh fic-certifikat izid li t-tender document ikun “satisfied to its fullest” - li f'dan il-kaz ma kienx.

Cahad dak li gie allegat minn Albert Debono li hu (Debono) kien tah kopja tat-tender document qabel ma hareg ic-certifikat. Kompla jghid li hu marbut bil-ligi li jzomm kull document li jinghatalu biex johrog ic-certifikat esebit a fol. 15 u 16, u li effettivament, peress li huwa r-Regulatory Body, jigi audited kull sena tax-xoghol li jaghmel.

Meta kompla jixhed fis-seduta tas-sittax ta' Gunju 2009, l-**Inginier Raymond Spiteri** (a fol. 113 et seq.) qal li skond il-Lift Regulations Legal Notice 370/2002, ir-responsabilita' taqa' f'isem il-kuntrattur, li f'dan il-kaz kienet is-socjeta' attrici D & S Lifts Limited.

Mistoqsi x'inhu r-rapport Final Inspection Certificate, wiegeb li dan huwa rapport dwar l-ezami li jkun sar fuq il-lift qabel dan jibda jintuza. Qal li huwa qatt ma ta parir lis-socjeta' D & S biex tixtri l-lift li sussegwentement gie nstallat fl-Agenzija Appogg, anzi zied jghid li Albert Debono qatt ma kien kellmu dwar il-lift in kwistjoni qabel ma effettivament kienu qed isiru dawn it-testijiet.

Rega' nsista li huwa qatt ma kien ra t-tender document meta gie mixtri l-lift in kwistjoni u li hu dahal fil-kwistjoni

wara li l-lift kien gie mixtri, meta gie nstallat fl-2003 u sussegwentement meta ssejjah mill-Agenzija Appogg fis-sena 2006 peress li kien hemm problemi bl-operazzjoni tal-lift.

Fis-seduta ta' nhar il-Hamis hamsa u ghoxrin (25) ta' Frar 2010 xehed **l-Inginier Brian Cauchi** (a fol 121 et seq.) fejn iddikjara li huwa jahdem bhala mechanical engineer fil-Works Division. Mistoqsi x'jaf dwar is-socjeta' D & S Lifts Limited qal li dawn huma s-suppliers ta' lifts u li gieli ghamlu xi xoghol ghalihom, u f'dan il-kaz hadmu fl-Agenzija Appogg. Qal li r-rwol tieghu kien li joffri s-servizzi tieghu ta' mechanical engineer lill-Agenzija Appogg meta kien qed jigi nstallat il-lift. Spjega li l-lift kien gie kummissjonat fis-sena 2003, aktarx f'Novembru. Imbaghad fis-sena 2006 gie nfurmat mill-Agenzija Appogg li kienu nqalghu xi problemi b'dan il-lift, u ghalhekk hu kien issuggerixxa li tinzamm laqgha mas-socjeta' attrici, li fil-fatt inzammit fit-28 t'Awissu 2006 u kien intlahaq ftehim li s-socjeta' attrici kellha ttihom xi feedback entro certu zmien, pero' dan ma sarx u allura hu kien kitbilhom biex ifakkarhom li kellhom jaghtu l-informazzjoni mehtiega, u mbaghad eventwalment dawn irrispondew.

Zied jispjega li l-akbar problema f'dan il-lift kienet li z-zejt kien dejjem jishon u ghalhekk il-lift kien jieqaf u biex jerga' jintuza kien ikun irid jiksah iz-zejt. Qal ukoll li kien hemm bzonn li tizdied bicca equipment mal-installation tal-lift. Kien hemm ukoll problemi ohrajn pero' dawn kienu ta' natura sekondarja u mhux li jikkawzaw il-fatt li l-lift ma jistax jintuza. Stqarr li hu ma kienx qal lis-socjeta' attrici biex igib il-bicca equipment li kienet nieqsa, u li ma jafx jekk is-socjeta' attrici kinitx infurmata bil-problemi l-ohra.

Kompla jghid li l-inkarigu tieghu kien bhala konsulent tal-Appogg, izda qal li l-file kien qed jinzamm ghand l-Appogg stess, u huma kienu qed jiehdu hsieb il-parti amministrattiva. Rega' spjega li z-zejt tal-lift kien qed jishon peress li l-equipment ma kienx skond l-ispecifications li nhargu fit-tender. Kompla jispjega li l-lift kellu jkollu certu numru ta' stars per hour u li l-mutur jahdem biss waqt li l-lift ikun tiela', peress li huwa

hydraulic, u meta l-lift ikun niezel il-mutur ma jahdimx, semplicement johrog iz-zejt. Meta jsiru l-ispecifications ghal-lift, ikun hemm numru ta’ starts per hour, jigifieri li l-mutur jiflah daqs tant starts biex ikun jiflah ghat-traffiku li jkun hemm fil-bini. Qal li huwa kien specifika lid an il-lift kellu jkollu ninety starts per hour u kkonferma li meta s-socjeta’ attrici ssottomettiet l-ispecifications ta’ dan il-lift kienu kkonfermaw li dan kien se jkollu ninety starts per hour, pero’ fir-realta’ ma kienx hekk. Qal li meta s-socjeta’ attrici pprovdietilhom il-literature mahruga mis-supplier taghhom stess, irrizulta li l-lift kien jiflah sixty u mhux ninety starts per hour. Imbaghad qal li din mhix xi kwistjoni li tistax tissolva, pero’ biex dan isir trid tizdied bicca mal-pompa, u cioe’ oil cooler, sabiex meta z-zejt ikun qed jahdem ikun jista’ jiksah. Ikkonferma li sixty starts per hour tirrizulta mil-literature li nghatatilhom mis-socjeta’ attrici. Qal ukoll li s-servicing tal-lift kien ukoll f’idejn is-socjeta’ attrici u li l-lift kien kopert bil-garanzija. Fil-fatt it-tender kien igorr mieghu garanzija ta’ tliet snin, u l-kwistjoni inqalghet qabel ma ghalaq dan il-perjodu.

Kompla jghid li D & S kienu talbu li jsir tibdil ta’ zejt, pero’ skond hu ghalkemm kien jinbidel iz-zejt xorta wahda kienet ser terga’ tinqala’ l-istess problema. Qal ukoll li skond is-suppliers tas-socjeta’ attrici, l-ewwel zejt li ntuza kellu jservi hames snin, li fil-fatt ma serviex. Huwa esebixxa dokumentazzjoni li rcevew minghand is-socjeta’ attrici li tindika li fil-fatt il-motor starts per hour kienu ta’ ninety, bhala technical specification. Dan gie mmarkat bhala Dok. CSH. Esebixxa wkoll dokument iehor li juri li fil-fatt il-mutur kellu sixty starts per hour, u dan gie mmarkat bhala Dok. CSH 1.

Hawnhekk rega’ ghadda biex jispjega li “motor starts per hour” tfisser kemm-il darba l-mutur jitla’ ‘l fuq, jigifieri meta huwa fl-ispecifications qal li l-lift kellu jkollu ninety motor starts per hour, ried ifisser li l-lift jiflah one hundred and eighty starts – ninety motor starts u ninety kull darba li jinzel ‘l isfel. Ma jistax ikun li kif gie suggerit lilu, l-lift ikollu one hundred and twenty starts per hour, ghaliex dan ifisser two hundred and forty starts, li huwa mpossibbli.

Imbaghad fis-seduta tat-tmienja (8) ta' Marzu, 2010 xehdet **Beatrice Farrugia** (a fol. 127 et seq.) fejn qalet li hija tokkupa l-kariga ta' Administration Executive mal-Agenzija Appogg, pero' bhalissa tinsab fuq Parental Leave. Meta hija kienet in charge mill-amministrazzjoni, kienet tiehu hsieb il-personnel kif ukoll affarijiet ohra li ghandhom x'jaqsmu mal-amministrazzjoni fosthom il-manutenzjoni u l-lift in kwistjoni. Ikkonfermat li fil-fatt il-funzjoni tal-lift li gie nstallat fl-Agenzija Appogg kien difettuz, u li effettivament kien jiskossja hafna u wkoll jieqaf bejn sular u iehor, filli jahdem u filli jieqaf. Gieli anke kienu jkunu dehlin in-nies gol-lift u l-bieba tieghu tinghalaq bis-salt bla ma jaghti cans, u ma kienx jillivella sew mal-art. Qalet li dan kien jigri qabel is-sajf ta' qabel is-sena 2008. Qalet ukoll li kien ikollha hafna lmenti min-naha tal-istaff, dwar health and safety. Iddikjarat li hemm aktar minn mitt ruh impjegata mal-Agenzija Appogg.

Spjegat li l-bini tal-Agenzija Appogg jikkonsisti f'aktar minn hames sulari, il-pjan terren huwa counselling room, filwaqt li mill-ewwel sar-raba' sular huma ufficini u l-hames sular huwa canteen. Minhabba x-xoghol taghhom, l-impjegati jkollhom bzonn jitilghu u jinzlu l-hin kollu, u fost dawn l-impjegati kien hemm nisa tqal, niex bi problemi biex jitilghu jinzlu t-tarag u anke ohrajn bi slip disc. Kien hemm impjegata minnhom li kellha problemi f'daharha u mbaghad il-bieb tal-lift inghalaq f'daqqa wahda u kkreala problemi f'ghonqha, tant li spiccat tiehu phystiotherapy. Tant kien hemm problema li certu staff kellu jibda jahdem mid-dar sabiex jevita l-problema u sahansitra kien intrama ufficcju isfel nett, li ma kinitx soluzzjoni ideali. Hija qalet li fix-xoghol taghha kien ikollha diversi problemi u maghhom kellha ssolvi dawn tal-lift.

Ix-xhud kompliet tghid li l-lift gie nstallat mis-socjeta' D & S Lifts Limited, u huma kemm-il darba kienu jikkomunikaw maghhom fuq din il-kwistjoni. Ghall-ewwel kienu qalulhom li l-machine room kienet qed tishon u kien hemm bzonn fan, u fil-fatt gie nstallat fan pero' l-problemi baqghu hemm. Sussegwentement kienu qalulhom li ried jinbidel iz-zejt u dan sar ukoll. Imbaghad l-Agenzija Appogg kienet hadet parir u rrizulta li l-problema kienet iktar gravi.

Fil-fatt kienu tkellmu mal-Inginier Spiteri u rreferihom ghall-Inginier Cauchi li qalilhom li z-zejt veru kellu jinbidel, pero' l-problema principali kienet il-magna tal-lift.

Nhar it-Tnejn wiehed u ghoxrin ta' Gunju, 2010 xehed **Joseph Gerada** ( a fol. 134 et seq) fejn qal li huwa kien jokkupa l-kariga ta' Chief Executive Officer mal-Agenzija Appogg mis-sena 2000 sas-sena 2004 u kien f'dan iz-zmien li gie ordnat il-lift. Ftakar li l-Inginiera taghhom kienu ppreparaw l-ispecifications tal-lift u wara harget it-tender, pero' ma ftakarx li sussegwentement kienet saret direct order tal-lift mas-socjeta' attrici, ghaliex it-tender ma kien intrebah minn hadd. Sostna li hu ma kienx ikun parti mil-laqghat li jinzammu bejn is-socjeta' attrici u l-inginiera taghhom stess, izda kien jidhol biss ghal-laqghat jekk tinqala' xi problema.

Semghet lill-avukati difensuri tal-partijiet jiddikjaraw, fis-seduta tat-tlettax ta' Lulju, 2010, li kienu ghalqu l-provi taghhom.

Illi nhar it-30 ta' Settembru dehru l-avukati rispettivi tal-partijiet u ttrattaw il-kawza u awtorizzaw il-Qorti tghaddi ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:

Illi fis-seduta tat-30 ta' Settembru 2010 is-socjeta' konvenuta irtirat l-ewwel eccezzjoni taghha wara li s-socjeta' attrici talbet korrezzjoni fl-atti, u cioe' talbet li isem l-Agenzija konvenuta jinbidel u jitnizzel bhala 'Fondazzjoni ghas-Servizzi ghal Harsien Socjali' minflok Agenzija Appogg, u ghalhekk tali eccezzjoni ma kellhiex aktar valur.

Illi fil-mertu s-socjeta' konvenuta ddikjarat li l-ammont mitlub mhux dovut peress illi l-oggett li gie konsenjat ma kienx skond il-kwalita pattwita.

Mill-provi prodotti jirrizulta li l-Agenzija konvenuta kienet harget tender sabiex jigi installat lift fil-bini taghha fl-Appogg, G'mangia u dan taht diversi kunsiderazzjonijiet

hemm indikati. IIlli dan it-tender gie esebit fl-atti processwali a fol. 89 mill Inginier Raymond Spiteri u gie markat bhala dokument Y.

Illi fost il-kundizzjonijiet imsemmija f'dan it-tender hemm imnizzel x'inhuma t-*technical specifications* u fosthom hemm miktub li jrid ikun hemm minimu ta' disghin *'motor starts per hour'* u dan sabiex il-lift ikun jiflah hafna traffiku.

Issa fit-trattazjoni tieghu l-avukat difensur tas-socjeta' attrici tenna li s-s-socjeta' attrici ma ssupplitx il-lift skond tender izda b'*direct order*. Dwar din il-kwistjon l-Qorti ma thossx li ghandha tikkummenta wisq ghaliex kienet x'kienet il-kwistjoni xorta kien hemm l-i*specifications* dettati fit-*tender document* u s-socjeta' attrici kienet obbligat ruhha li tissupplixxi lift skond dawk l-istess *specifications*.

Skond ix-xhieda tal-Inginier Cauchi l-lift li gie installat fl-Appogg ghandu ammont izghar ta' *motor starts per hour*, u cioe' ghandu sittin u b'hekk il-lift li gie installat mhux skond l-i*specifications* tat-tender. Ikkonferma li s-socjeta' attrici kellha kopja tat-tender in kwistjoni qabel ma effettivament sar il-kuntratt maghha, u jzid jghid li meta s-socjeta' attrici kienet issottomettiet l-i*specifications* tal-lift taghha kienet stqarret li l-lift taghha kellu *ninety motor starts per hour* kuntrarjament ghal dak li verament kellu. Meta ra li z-zejt kien qed jishon u li sahansita l-lift anke kien qed jieqaf bejn zewg sulari, huwa kien iltaqa' mad-dirigenti tas-socjeta' attrici u kien talabhom sabiex ituh il-*literature* ta' dan il-lift. Illi f'wahda mil-laqghat mizmuma minnhom huwa kien ipprezenta l-*literature* ta' dan il-lift u minn ezami tieghu, li jinsab esebit a fol. 107, jirrizulta bic-car li l-mutur ta' dan il-lift li gie installat jiflah biss *60 start per hour* u ghalhekk ma setax ilahhaq mat-traffiku ta' nies li kien hemm fl-Appogg. Ikkonferma wkoll li t-tender kien igorr garanzija ta' tliet snin mieghu u l-inkwiet inqala' hafna qabel l-gheluq tat-tliet snin.

Ix-xhud Inginier Cauchi jkompli jispjega illi z-zejt fil-mutur tal-lift kellu jinbidel mis-socjeta' attrici darba kull hames snin, pero' in effetti z-zejt kien diga' gie mibdul, u qal li l-

problema ma kinitx dwar tibdil taz-zejt izda problema fil-pompa. Fil-fatt jghid li hemm bzonn li titwahhal pompa mal-mutur, cioe' *oil cooler* sabiex meta l-mutur ikun qed jahdem iz-zejt ikun jista' jiksah.

**L-Artikolu 1378 tal-Kodici Civili**, jistipula li l-bejjiegh ghandu fuq kollox zewg obbligi, jigifieri li jikkunsinna w li jiggarantixxi l-haga mibjugha. Da parti tieghu, x-xerrej ghandu d-dritt li jaghzel jew li jirrifjuta l-haga u jitlob id-danni, jew li jircievi l-haga bi prezz anqas fuq stima ta' Periti (**Art. 1390 tal-Kodici Civili).**

Inghad ukoll li tali rimedju huwa moghti lix-xerrej fil-mument tal-konsenja ta' l-oggett mibjugh u huwa abbinat mas-sitwazzjoni fejn jirrizulta li l-oggett hu differenti minn dak appattwit '*avente per base la cosa pattuita nel consenso del compratore*' (**Grima vs Von Kohen** – Qorti tal-Kummerc, 28 ta' Frar, 1884);

Gie osservat ukoll, mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell, fil-kawza fl-ismijiet **Piscopo vs Filletti et** deciza fis-16 ta' Gunju, 2003 illi "*ghandu jigi osservat illi tezisti diskordanza fil-gurisprudenza taghna in subjecta materia. Dan ghaliex filwaqt li xi decizjonijiet isostnu li azzjoni ghar-rizoluzzjoni ta' bejgh mhux tal-kwalita pattwita hi ammessa tant jekk ix-xerrej ikun gja rceva l-konsenja kemm jekk le (Vol. XII/1; Vol. XXVI/i/193; Vol. XXXII/i.163; Vol. XXXIX/i/250, fost bosta ohrajn), ohrajn isostnu illi tali azzjoni ghar-rizoluzzjoni per inadempjenza ma tistax tigi sperimentata wara l-konsenja (Vol. XX/i/273; Vol. XXI/i/399 u Vol. XLIX/ii/955)*".

Ziedet tghid l-istess Qorti ta' l-Appell fis-sentenza **Piscopo vs Filletti et**, sup.cit., illi "*Fil-kawza fl-ismijiet **Diacono vs Galea** riportata a Vol. XVIII/iii/59 il-Qorti tal-Kummerc kienet hemm spjegat l-elementi ta' l-azzjoni taht l-artikolu tal-ligi kontemplat billi rriteniet illi dawn huma: (i) il-premessa esplicita ta' xi kwalita li l-kompratur kellu specjalment in mira; u (ii) li l-kompratur ikun ghad ma rceviex il-haga*". Jekk huwa rcieva l-haga minghajr ebda protest, tinsorgi l-presunzjoni li hu sodisfatt.

Inghad ukoll fil-kawza fl-ismijiet **Pace Asciaq vs Camilleri** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili per Onor. Imh. Ph. Sciberras fit-28 ta' Jannar, 2004 illi "*minn dak rinvenut fil-Kodici Civili jirrizulta li r-rimedji miftuha lix-xerrej f' kaz ta' vendita' huma essenzjalment dawk dettati mill-Artikoli 1390 u 1427. Rimedji li fil-kaz ta' l-ewwel artikolu bazat fuq in-nuqqas tal-kwalita` mweghda, jakkorda lix-xerrej, fil-mument tal-konsenja ta' l-oggett mibjugh, li jaghzel jew li jirrifjuta l-haga u jitlob ukoll id-danni jew li jircievi l-haga bi prezz anqas fuq stima ta' perit. Fil-kaz tat-tieni, bazat fuq il-garanzija ghad-difetti li ma jidhrux, il-ligi wkoll tassenjalu d-dritt tal-ghazla wara r-ricezzjoni ta' l-oggett, jigifieri jew li jirrecedi mill-bejgh bl-azzjoni redibitorja jew li jzomm il-haga u jitlob lura dik il-bicca mill-prezz li tigi stabbilita mill-Qorti u li tirrapprezenta l-valur tad-difett riskontrat, bl-azzjoni proprjament imsejha estimatorja*";

Jirrizulta ghalhekk mis-suespost li s-socjeta' attrici fil-fatt ikkonsenjat lift li ma kienx skond l-i*specifications* tat-tender u konsegwentement skond il-kwalita' pattwita. Dan nonostante pero' jirrizulta wkoll li s-socjeta' konvenuta m'ghamlet xejn dwaru salv li qed tirrifjuta li thallas l-ammont bilancjali dovut. Hija ma agixxietx gudizzjarjament billi ddepositat l-lift taht il-kustodja tal-Qorti. Din zammet il-lift u ghadu hemm sa llum u qed tirrifjuta li thallas tieghu, u b'hekk giet li hija assumiet responsabbilta` ghal difetti.

Minn din l-ottika legali s-socjeta` konvenuta kellha triq ben delineata w ma hadithiex.

Is-socjeta` konvenuta kellha tikkonsenja l-makkinarju mibjugh f'kaz li ma kienx skond il-kwalita' pattwita lura ghand is-socjeta' attrici. Il-ligi taghti lix-xerrej zewg opzjonijiet meta jiskopri li l-oggett mibjugh mhux tal-kwalita` pattwita, u dawn huma r-rifjut ta' l-oggett u talba ghad-danni, jew iz-zamma ta' l-oggett u diminuzzjoni fil-prezz minhabba n-nuqqasijiet (ara **Nicholas Borg vs Mauro Farrugia noe,** PA 28.10.72). Mhux il-kompitu tal-Qorti li tinterpreta l-intenzjoni tal-parti meta l-ligi hi cara u tpoggi oneru w obbligu fuq il-parti li jispecifika b'mod car u inekwivokabbli l-eccezzjoni tieghu. L-eccezzjoni tieghu

maghmula b'mod generiku ma tistax tintlaqa' meta l-ligi hi cara u inekwivoka. Hu minnu li mill-atti rrizulta li x-xerrej zamm l-oggetti w elenka dak li fil-fehma tieghu kien hazing, u cioe' dak li kkawza d-difett latent fl-oggett. Jinghad pero' li ma saret ebda talba *ad hoc* da parti tas-socjeta` konvenuta biex jigi stabbilit il-valur reali tal-makkinarju mibjugh bl-opra ta' periti, mehud in konsiderazzjoni l-lanjanzi ta' l-istess socjeta` attrici jew addirittura talba sabiex jigi rexiss il-kuntratt li kien hemm bejn il-partijiet.

Skond l-insenjament maghmul fis-sentenza **Scicluna vs Scerri** (Kummerc 16 ta' Jannar, 1958 – XLII.ii.855), inghad illi: "l-opinjoni preponderanti hija li si tratta ta' regoli specjali li ghandhom ghalhekk jipprevalu ghad-disposizzjonijiet generali li jirregolaw il-kuntratti; u li la darba l-ligi stess iddeterminat l-effetti tal-vizzji, m'ghandhomx jigu moghtija lix-xerrej drittijiet, u lill-venditur imposti oneri, akbar minn dawk indikati fil-ligi".

Illi tal-istess portata hija s-sentenza fl-ismijiet **Anthony McKay vs Alfred Cassar** (Kummerc Onor. J. Filletti 10 ta' Dicembru, 1992), fejn gie kkonfermat li l-azzjoni ta' danni *in a vacuum* ma tistax tirnexxi minnflok l-*actio aestimatoria* u/jew *redhibitoria* jew l-azzjoni skond l-Artikolu 1390, u dan gie kkonfermat fis-sentenza **JC Hydraulics Ltd vs Waste Control Services Limited** (Prim'Awla, Onor. R. C. Pace, 28 ta' Gunju 2001).

Illi ghalhekk ghandhom jigu affermati s-segwenti principji, u cioe' li minn dak fuq premess jirrizulta s-segwenti:-

a. tali azzjonijiet fuq deskritti huma l-unici permissibbli lix-xerrej;

b. it-talbiet tax-xerrej huma limitati ghal dak li jipprovdu d-disposizzjonijiet ta' l-istess artikolu 1390 u/jew l-artikolu 1427 tal-Kap 16 u tintalab '*sine qua non* li:

i) l-oggett mhux tal-kwalita` pattwita jew dikjarazzjoni ta’ difett latenti;

ii) talba ghall-iffissar tal-prezz inqas u konsegwenti rifuzjoni ta’ parti mill-prezz li tirrizulta li hija in eccess ta’ dak stabbilit mill-Qorti jew li tinghata l-haga lura u jintradd il-prezz, jew abbazi ta’ l-artikolu 1390 jew li jirrifjuta l-haga u jitlob id-danni jew jircievi l-haga bi prezz inqas fuq stima ta’ periti.”

**Il-Qorti ghalhekk tissottometti li l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta huma mankanti f’dak li hu fondament legali tat-talbiet premessi, w ghalhekk ma jistghux jigu ndirizzati nonostante li huwa minnu li l-lift konsenjat mhux skond il-kwalita’ pattwita. Din il-Qorti fid-dawl tal-eccezzjonijiet imressqa mis-socjeta’ konvenuta, ma tistax ma tilqax it-talba attrici, u filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta’ konvenuta, <u>tilqa’ t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici l-ammont ta’ hamest elef sebgha mija u tmienja w ghoxrin Ewro (€ 5,728).</u>**

**L-ispejjez ta’ din il-kawza w l-imghax skond il-ligi, u cioe’ mid-data tal-konsenja tal-lift, jithallsu mis-socjeta’ konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------